## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

**It-Tnejn, 22 ta' Novembru 2021**

Il-Laqgħa numru 41 saret b'mod virtwali u kif ukoll mill-bini Amministrattiv tal-Kunsill fit-22 ta' Novembru 2021fis-6:30 ta'filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier (b'mod virtwali) |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv (b'mod virtwali) |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 43.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ġie nfurmat b'ittra t'apoloġija mingħand Courtney Farrugia.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 43.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tal-41 laqgħa u tat-42 laqgħa (bi tkomplija tal-41 laqgħa) u tad-39 ġew approvati unanimament.

## 43.2.2 Korrezzjonijiet

**43.2.2.1** – Minuti 41.3.7 - il-kelma "residenit" issir "residenti"
**43.2.2.2** – Minuti 41.3.7 - il-kelma "sospenzzjoni" issir "sospensjoni"

## 43.3 Punti mqajjma mill-minuti

**43.3.1** Minuta 41.3.3 - Is-Sindku ppreżenta lill-membri l-ispiża tal-attivita' li saret tal-Car Free Day.

**43.3.2** Minuta 41.3.5 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill kien informa lill-iskejjel u lill-Għaqdiet sabiex naraw jekk hux interessati sabiex isiru klassijiet taz-Zumba fil-ħinijiet ta' filgħaxija. Is-Sindku qal li l-iskola ta' St Elias u l-iskola ta' St Michael mhux interessati.

**43.3.3** Minuta 41.3.6 - Is-Sindku qal li l-Fun Run li saret il-Ħadd 21 ta' Novembru saret iżda hu wera d-diżappunt tiegħu minħabba l-fatt li waqt il-mixja ma kienx hemm uffiċċjali tas-sigurta' sabiex jidderieġu l-istess mixja. Huwa qal li dan l-ilment ressqu formalment lill-AKL li kienet parteċipi fl-organizazzjoni.

**43.3.4** Minuti 41.4.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Ministeru beda x-xogħol fuq Ġnien Romeo Romano fuq in-naħa ta' ġewwa. Huwa qal ukoll li l-kontijiet tal-Arms kien fil-proċess li inqelbu kollha fuq Ambjent Malta. Is-Sindku informa lill-membri li kellu laqgħa mal-Greenserv dwar min ser jagħmel il-manutenzjoni wara li jitlesta x-xogħol u jekk il-Kunsill hux interessat li jieħu ħsieb hu.

Wara diskussjoni l-Kunsill wera li huwa nteressat li jgħati l-kontribuzzjoni fil-manutenzzjoni tal-istess ġnien ġaladarba dan jinsab f'Santa Venera. Is-Sindku qal ukoll li waqt l-istess laqgħa li kellu ġie infurmat li temporanjament il-Kunsill ser jingħata garaxx tal-gvern fil-Floriana sabiex ikun jista' jintuża bħala maħżen fejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jpoġġu l-għodda.

**43.3.5** Minuti 41.6.3 - Is-Sindku informa lill-membri li l-attività ta' Jum Santa kienet ta' suċċess. Wara diskussjoni dwar il-premji li ngħataw ta' rikonoxximent il-membri qablu wkoll sabiex ic-Chairman tal-Bord tal-Ġieħ jattendi għal-laqgħa li jmiss sabiex ikunu diskussa l-emendi li hemm bżonn isiru fil-linji gwida.

Is-Sindku informa lill-membri dwat l-attivita tal-Milied li ser issir fi Ġnien Romeo Romano nhar il-11, 12 u 13 ta' Diċembru 2021 fejn ser ikun hemm *live bands*, presepju ħaj, *food stalls, fun train* li ser tkun qed topera minn Santa Venera sal-Ħamrun u vici

versa. Fit-13 ta' Diċembru ser issir ukoll xow tal-karozzi antiki li ser tkun f'Misraħ Santa Venera. Bħala *marketing,* is-Sindku qal li ser ikun hemm billboard il-Marsa li tirriklama din l-attivita', riklami fuq il-pagna tal-Kunsill fuq il-paġna ta' Facebook u riklami fuq r-radju. F'dan il-ħin is-Sur Joe Vella ssuġġerixxa sabiex isiru banners u issir diskussjoni mal-Ħamrun sabiex huma jkunu jistghu jirreklamaw din l-attivita *on air* fil-toroq tal-Hamrun. Il-Membri qablu kemm ma din l-attivita u kif ukoll mas-suġġeriment tas-Sur Joe Vella.

## 43.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**43.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand Transport Malta fejn dawn innotifikaw lill-Kunsill li għandhom talba sabiex issir *light boarding bay* u *disabled communal bay* fi Triq il-Ferrovija quddiem residenza 92.

## 43.5 Rapporti / Korrispondenza

**40.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sur Francesco Callus mill-iskola ta' St. Elias fejn ser jorganizzaw attivita' lill-istudenti u titħawwel xi zerriegħa fi ġnien Romeo Romano.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament fejn il-Kunsill għandu jinforma lill-ġardinar sabiex jalloka post fejn dawn jistgħu isiru.

**43.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sinjura Giorgina Cassar li hija responsabbli miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum li ser isir festin għall-anzjani ġewwa Bella Vista Hotel nhar l-14 ta' Diċembru u qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jassisti fil-mużika b'permezz tad-duo Walter & Charles liema spiża tlaħħaq il-€110.

Il-Membri qablu unanimament

**43.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li CEO tal-entita' SCSA bagħtu korrispondenza fejn qed jitolbu sabiex l-entita' tapplika għall-żewġ *reserved parkings* quddiem l-enitita' tagħhom fi Triq il-Kbira San Ġuzepp. Wara diskussjoni il-membri qablu unanimement li ġaladarba l-istess entita' għandhom il-parking tagħhom fi Triq Braille ma treġix li jittieħdu żewġ parking spaces oħra lir-residenti.

**40.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva petizzjoni iffirmata minn 57 resident sabiex it-*traffic direction* ta' Triq il-Parroċċa tinbidel u terga' issir kif kienet qabel. Ġie nnutat li bħalissa apparentment għaddeja petizzjoni oħra u għaldaqstant huwa prematur li terga titqajjem għad-diskussjoni. Oltre, f'dan l-istadju hia Transport Malta li tiddeċiedi dwar dan ġaladarba iż-żmien ta' prova ilu li għadda.

## 43.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 43.6.1 Statwa ta' Santa Venera

Is-Sindku informa lill-membri sabiex il-Kunsill jinvesti fi statwa ta' Santa Venera sabiex din tkun tista' tintuża mill-istess Kunsill anke meta jkun hemm xi purċissjoni mit-tfal bhal ma jsir fi żmien Jum Santa Venera fl-iskola. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie

deċiż sabiex isiru disinji minn tlett artisti differeni u ġie suġġerit is-Sur Shaun Saliba, is-Sur Indri Attard u s-Sur Camilleri Cauchi. Is-Sur Gianluca Falzon għandu jibghat il-kuntatti ta' dawn l-artisti. L-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu li daqs tal-istatwa tkun ta' madwar 1.2 metri, tkun ħafifa, tal-kartapesta u l-istatwa ikollha elementi żagħżugħa. L-ispiża allokati hija ta' €5K mingħajr il-bradella.

Il-Membri qablu unanimamnet.

### 43.6.2 Ismijiet ta' toroq ġodda

Is-Sindku qal li hemm triq ġdida fi Triq il-Palazz l-Aħmar li tagħmel parti mill-konfini ta' Santa Venera fejn din trid tingħata isem. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex li din tissemma' ghas-Sur Albert Pace fejn ta' spjegazzjoni dettaljata għala għandha tissemma għalih.

Apparti minn hekk is-Sindku qal ukoll li hemm żewġ toroq oħra li jemmen li għandhom jinbidlu l-ismijiet tat-toroq tagħhom li huma Triq il-Bir u Triq l-Għolja. Ġie suġġerit sabiex Triq il-Bir tiġi Triq Patri Robert Farrugia O. Carm u Triq l-Għolja tissemma għal mibki John Zammit (eks Kunsillier).

Wara diskssjoni Dott Darren Carabott qal li hu ma jaqbilx mal-kunċett li mhux qed ikun hemm kommunikazzjoni qabel u wiehed irid jiddeciedi f'daqshekk qasir żmien. Hu ssuġġerixxa sabiex ikun hemm ġimgħatejn ċans ghall-Kunsilliera sabiex ikunu jistgħu iressqu s-suġġerimenti tagħhom kemm għall-ismijiet ta' toroq ġodda u kif ukoll ghal tibdil f'ismijiet ta' toroq eżistenti. Is-Sindku rrimarka li dment hemm il-maġġoranza tal-kunsilliera jaqblu ma dak propost, ma jarax li għandu jipposponi d-deċiżjoni.

Wara diskussjoni l-membri qablu li l-isem ta' Triq l-Għolja għalissa ma jintmessx u għaldaqstant ittieħed vot fuq l-oħrajn.

Vot 1 - Triq ġdida fi Triq il-Palazz l-Aħmar - Triq Albert Pace

| | |
|---|---|
| Voti favur | 4 Voti |
| Astenzjonijiet | 2 Voti |
| Voti kontra | Xejn |

Vot 2 - Triq il-Bir - Triq Patri Robert Farrugia O. Carm

| | |
|---|---|
| Voti favur | 5 Voti |
| Astenzjonijiet | 1 Voti |
| Voti kontra | Xejn |

Il-Membri qablu sabiex il-Kunsill jibgħat ittra ta' notifika lir-residenti ta' Triq il-Bir li ser ikun hemm proposta mal-Bord tal-ismijiet tat-toroq li Triq il-Bir ser jinbidel l-isem għal Triq Patri Robert Farrugia O.Carm.

## 43.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kumitati jew sotto kumitati.

## 43.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa, emendati u approvati.

Skeda ta' pagament: Proponent: Is-Sur Kursten Dimech u Sekondant: Is-Sur Gianluca Falzon.

## 43.9 Ilmenti

**43.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 872 sa 959.

| | |
|---|---|
| 872 | Contracts Manager |
| 873 | Contracts Manager |
| 875 | WO lil B. Grima & Sons |
| 883 | WO lil B. Grima & Sons |
| 886 | Contracts Manager |
| 887 | WO lil B. Grima & Sons |
| 888 | Ħaddiema Assenjati |
| 891 | WO lil ħaddied għal hand rail |
| 898 | 1. Skema għadha sospiża 2. Jeħtieġ aktar informazzjoni |
| 900 | Ħaddiema Assenjati |
| 901 | Hemmhekk bankina kollha trid tinbidel |
| 903 | Jiġi indikat fejn u jintbgħat il-CM |
| 909 | Jindika l-ġardinar |
| 914 | Parking f'ODZ? |
| 917 | Ħaddiema Assenjati |
| 926 | Ħaddiema Assenjati |
| 928 | Tintalab stima |
| 934 | Contracts Manager |
| 935 | Contracts Manager |
| 936 | Jiġi indikat fejn u jintbgħat il-CM |
| 940 | Contracts Manager |
| 949 | WO lil B. Grima & Sons |
| 950 | Żebgħa griża ma teżistiex |
| 956 | Ħaddiema Assenjati |
| 957 | Cleansing Department |
| 958 | Contracts Manager |
| 959 | Contract Manager |

## 43.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9.15pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Diċembru 2021, fis-6.30pm.

Stephen Sultana — Michael Mifsud
Sindku — Deputat Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum 20 ta' Diċembru, 2021